



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 5 ta' Lulju 2018
(OR. en)**

2016/0389 (COD)

PE-CONS 26/18

**AGRI 225
AGRIORG 26
AGRISTR 30
STATIS 29
AGRIFIN 44
CODEC 741**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-
istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru
1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011**

REGOLAMENT (UE) 2018/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli
u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2018 għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi qafas għall-istatistika Ewropea dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli sal-2016. Dak ir-Regolament jenħtieġ għalhekk li jiġi mħassar.
- (2) Il-programm ta' sħarriġ Ewropew dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli, li ilu jitwettaq fl-Unjoni mill-1966, jenħtieġ li jitkompla biex jiġu eżaminati x-xejriet fl-istruttura tal-azjendi agrikoli fil-livell tal-Unjoni u biex tiġi provduta l-bażi ta' għarfien statistiku meħtieġ għat-fassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' politiki relatati, b'mod partikolari l-Politika Agrikola Komuni (PAK), inklużi miżuri ta' żvilupp rurali, kif ukoll politiki tal-Unjoni dwar l-ambjent, dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu u dwar l-użu tal-art u xi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Tali bażi ta' għarfien hija meħtieġa wkoll sabiex jiġi stmat l-impatt ta' dawk il-politiki fuq il-forza tax-xogħol femminili fl-azjendi agrikoli.
- (3) Il-ġbir ta' data statistika, b'mod partikolari rigward l-istruttura tal-azjendi agrikoli, jenħtieġ li jimmira, fost objettivi oħra, li jinforma l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'data aġġornata bil-ħsieb ta' riformi ġejjiena tal-PAK.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar sħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u sħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14).

- (4) Evalwazzjoni internazzjonali tal-istatistika agrikola wasslet għall-istabbiliment tal-Istrateġija Globali għat-Titjib tal-Istatistika Agrikola u Rurali tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) li kienet approvata mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Istatistika (UNSC) fl-2010. L-istatistika agrikola Ewropea jenħtieġ li, fejn ikun il-każ, issegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Istrateġija Globali għat-Titjib tal-Istatistika Agrikola u Rurali, kif ukoll dawk tal-Programm Dinji tal-FAO għaċ-Ċensiment tal-Agrikoltura 2020.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi l-ħolqien ta' qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Huwa jistabbilixxi kriterji tal-kwalità, u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u jikkontribwixxi għall-għan aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.
- (6) Għad-deċennju li jmiss jenħtieġ li jiġi stabbilit programm statistiku bi skopijiet multipli dwar l-azjendi agrikoli sabiex jipprovdi l-qafas għal statistika armonizzata, kumparabbli u koerenti. Dik l-istatistika jenħtieġ li tkun immirata lejn l-esiġenzi ta' politika.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

- (7) L-Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn, stabbilita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) f'Novembru 2015, tippredvi l-adozzjoni ta' żewġ Regolamenti qafas li jkopru l-aspetti kollha tal-istatistika agrikola, bl-eċċezzjoni tal-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura. Dan ir-Regolament huwa wieħed minn dawk ir-Regolamenti qafas.
- (8) Għall-finijiet tal-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tal-informazzjoni dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli u bil-għan li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet attwali tal-Organizzazzjoni tas-Suq Uniku Komuni u b'mod partikolari s-settur tal-frott u l-inbid, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jiġi integrat mal-informazzjoni strutturali fil-livell tal-azjendi agrikoli mill-2023 'il quddiem u jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament. Għalhekk huwa meħtieġ li dak ir-Regolament jitħassar.
- (9) L-istatistika kumparabbli mill-Istati Membri kollha dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli hija importanti biex jiġi determinat l-iżvilupp tal-PAK. Għalhekk il-klassifikazzjonijiet standard u d-definizzjonijiet komuni jenħtieġ li jintużaw sa fejn hu possibbli għall-fatturi varjabbli.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 u d-Direttiva 2001/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 7).

- (10) Ir-rekords tad-data statistika dwar l-azjendi agrikoli jippermettu tabulazzjoni trasversali tad-data bażika u tad-data tal-moduli, u b'hekk jingħata lok biex tinstab l-informazzjoni abbażi ta' fatturi varjabbli bħalma huma s-sess tal-maniġer tal-azjenda agrikola, l-età ta' dak il-maniġer, l-istruttura tas-sjeda u d-daqs tal-azjenda agrikola u l-adozzjoni ta' miżuri ambjentali. Ser tkun possibbli diżaggregazzjoni tar-riżultati għall-kriterji inklużi fid-data bażika u għat-taħlitiet ta' kriterji.
- (11) Il-ġbir tal-informazzjoni dwar is-sena tat-twelid, is-sena meta ġie kklassifikat bħala l-maniġer tal-azjenda agrikola u s-sess jista' jipprovdi data għall-iżvilupp ta' azzjonijiet fir-rigward tat-tiġdid ġenerazzjonali u aspetti relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi.
- (12) Fost raġunijiet oħra, għall-finijiet tal-aġġornament tar-reġistri bażiċi tal-azjendi agrikoli u l-bqija tal-informazzjoni meħtieġa għall-istratifikazzjoni tal-kampjuni, jenħtieġ li fl-Unjoni jsir ċensiment tal-azjendi agrikoli mill-inqas kull għaxar snin. L-aktar ċensiment riċenti sar fl-2009/2010.
- (13) L-Istati Membri li fihom il-perjodi ta' ħidma ta' riċerka għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2020 jikkoinċidu mal-ħidma ppjanata għaċ-ċensiment ta' 10 snin tal-popolazzjoni jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jmexxu l-istħarriġ agrikolu 'l quddiem b'sena sabiex jiġi evitat il-piż kbir tat-twettiq ta' żewġ ġabriet kbar fl-istess ħin.

- (14) Sabiex jiġi evitat li jitqiegħed piż bla bżonn fuq l-azjendi agrikoli u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti livelli limitu. Biex issir analiżi xierqa tal-istruttura tal-agrikoltura Ewropea hemm bżonn li jiġu koperti mill-istatistika 98 % tal-erja agrikola użata u l-bhejjem fl-azjendi agrikoli. F'xi wħud mill-Istati Membri, dan ifisser li l-livelli limitu elenkati f' dan ir-Regolament huma għoljin wisq. Madankollu, l-azjendi agrikoli li jaqgħu taħt daww il-livelli limitu tant huma żgħar li biżżejjed li jitwettaq għbir ta' data ta' kampjun darba kull għaxar snin biex ikunu jistgħu jiġu stmati l-istruttura tagħhom u l-impatt tagħhom fuq il-produzzjoni, li jirriżulta fit-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piżijiet filwaqt li tkun tista' tiġi mfaġġata azzjoni ta' politika effettiva biex jingħata appoġġ u sostenn lill-istrutturi tal-azjendi agrikoli ta' daqs żgħir.
- (15) Jenħtieġ li l-erjas li jintużaw għall-produzzjoni agrikola jiġu koperti mill-istatistika integrata dwar l-azjendi agrikoli, inkluża l-art użata minn żewġ azjendi agrikoli jew aktar peress li japplikaw drittijiet komuni.
- (16) Hemm bżonn li tasal informazzjoni dwar l-affiljazzjoni ta' azjenda agrikola ma' grupp ta' intrapriżi, li l-entitajiet tiegħu huma kkontrollati minn entità omm.
- (17) Biex jitnaqqas l-oneru minn fuq ir-rispondenti, jenħtieġ li l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra jkollhom aċċess għal data amministrattiva, dment li dik id-data tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, b'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

- (18) L-Istati Membri jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jimmodernizzaw il-modi tal-ġbir tad-data dwar l-azjendi agrikoli safejn ikun possibbli. L-użu ta' soluzzjonijiet diġitali f'dan ir-rigward jenħtieġ li jkun promoss.
- (19) Għall-finijiet ta' flessibilità għas-sistema Ewropea tal-istatistika agrikola, u għas-simplifikazzjoni u l-immodernizzar ta' statistika agrikola, il-fatturi varjabbli li jenħtieġ li jinġabru jenħtieġ li jiġu allokat i għal gruppi ta' ġbir differenti (data u moduli ċentrali) li jvarjaw fil-frekwenza jew fir-rappreżentattività, jew it-tnejn.
- (20) L-oneru u l-ispejjeż tar-risposta jistgħu jitnaqqsu ulterjorment billi terġa' tintuża data mis-sena direttament qabel jew wara s-sena ta' referenza. Dan ikun partikolarment rilevanti għall-aspetti fejn ma tkun mistennija l-ebda bidla kbira minn sena għall-oħra.
- (21) Għall-finijiet ta' flessibilità u biex jitnaqqas l-oneru minn fuq ir-rispondenti, l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw sħarriġ statistiku, reġistri amministrattivi u kwalunkwe sors, metodu jew approċċ innovattiv ieħor inklużi metodi b'bażi xjentifika u dokumentati sew bħalma huma l-imputazzjoni, l-istimar u l-immudellar.
- (22) Il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-użu ta' nutrijenti u ilma u dwar il-metodi ta' produzzjoni agrikola applikati f'azjendi agrikoli jenħtieġ li jittejjeb biex tkun provduta statistika addizzjonali għall-iżvilupp tal-politika agroambjentali u biex tittejjeb il-kwalità tal-indikaturi agroambjentali.

- (23) Għall-geokodifikazzjoni tal-azjendi agrikoli, jenħtieġ li tintuża t-tema tal-Unitajiet Statistiċi b'konformità mal-Anness III għad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (24) Il-Kummissjoni trid tirrispetta l-kunfidenzjalità tad-data trasmessa b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-protezzjoni meħtieġa tal-kunfidenzjalità tad-data jenħtieġ li tkun żgurata, fost mezzi oħra, bil-limitazzjoni tal-użu tal-parametri tal-post għall-analiżi tal-ispazju tal-informazzjoni u bl-aggregazzjoni xierqa meta tkun pubblikata l-istatistika. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi żviluppat approċċ armonizzat għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u l-aspetti tal-kwalità għad-disseminazzjoni tad-data filwaqt li jsiru sforzi biex l-aċċess online għall-istatistika uffiċjali ssir faċli u ħafifa li tintuża mill-utenti.
- (25) Kwalunkwe proċessar ta' data personali taħt dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u għad-dispożizzjonijiet adottati b'konformità ma' dak ir-Regolament, u/jew għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, skont ma jkun il-każ.

¹ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE). (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

- (26) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea msemmija f'dan ir-Regolament għall-fini tad-definizzjoni tal-popolazzjoni rilevanti ta' azjendi agrikoli.
- (27) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², jenħtieġ li l-unitajiet territorjali jkunu definiti skont il-klassifikazzjoni tan-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS).
- (28) Jenħtieġ li jintalab finanzjament fuq numru ta' snin kemm mingħand l-Istati Membri kif ukoll mingħand l-Unjoni sabiex isir il-ġbir tad-data. Għalhekk, jenħtieġ li ssir provvediment għal għotja tal-Unjoni biex tkun ta' appoġġ għal dak il-programm permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija taħt ir-Regolament (KE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

² Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

- (29) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għad-durata sħiħa tal-qafas finanzjarju pluriennali rilevanti (QFP) li jikkostitwixxi l-ammont ta' r-referenza primarja, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. Dan ir-Regolament jagħmel provvediment għall-istabbiliment tal-baġit għal aktar ġabriet tad-data fil-kuntest tal-QFP sussegwenti.
- (30) L-aspetti ekonomiċi ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu rieżaminati għall-perjodu ta' wara l-2020 billi jitqiesu l-QFP l-ġdid u tibdiliet oħra rilevanti għall-istrumenti tal-Unjoni. Abbażi ta' dak ir-rieżami, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li ttipproponi bidliet rilevanti għal dan ir-Regolament.
- (31) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-produzzjoni sistematika ta' statistika Ewropea dwar azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba fil-konsistenza u l-kumparabbiltà jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dak l-għan.

¹ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

- (32) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprevedi qafas ta' referenza għall-istatistika Ewropea u jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji ta' statistika u mal-kriterji tal-kwalità speċifikati f'dak ir-Regolament. Ir-rapporti tal-kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-ESSC approva standard tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) għall-Istruttura tar-Rapporti tal-Kwalità, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-istandard tal-ESS jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tar-rappurtar tal-kwalità taħt dan ir-Regolament.
- (33) Twettqet valutazzjoni tal-impatt skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, sabiex il-programm statistiku stabbilit b'dan ir-Regolament jiġi ffukat fuq il-ħtieġa ta' effettività fl-ilħuq tal-oġġettivi u biex il-limitazzjonijiet baġitarji jiġu inkorporati mill-fażi tat-tfassil 'il quddiem.

(34) Biex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tad-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli elenkati f' dan ir-Regolament u l-elementi tekniċi tad-data li jenħtieġ li jiġu pprovduti, l-istabbiliment tad-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli u arranġamenti prattiċi oħra għall-ġbir ta' data ad hoc kif stabbilit f' dan ir-Regolament, kif ukoll l-istabbiliment tal-arranġamenti prattiċi għal u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Meta teżerċita dawk is-setgħat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis aspetti bħall-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi fuq l-azjendi agrikoli u l-Istati Membri.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(35) Biex jittieħed kont tal-ħtiġijiet tad-data li qed jitfa'ccaw u li prinċipalment jirriżultaw minn żviluppi ġodda fl-agrikoltura, leġislazzjoni riveduta u prijoritajiet tal-politika li qed jinbidlu, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda tas-suġġetti dettaljati elenkati f'dan ir-Regolament u li tissupplementa d-data rilevanti tal-modulu bl-ispeċifikazzjoni tal-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi pprovduta fuq bażi ad-hoc kif stabbilit f'dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà u jiġi ffaċilitat l-użu ta' sorsi ta' data oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE b'rabta mal-emendar tal-fatturi varjabbli elenkati f'dan ir-Regolament. Meta tkun qed teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis aspetti bħalma huma l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi fuq l-azjendi agrikoli u l-Istati Membri. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqqhat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jieħdu ħsieb it-tħejjija tal-atti delegati.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(36) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat u adotta opinjoni fl-20 ta' Novembru 2017¹.

(37) L-ESSC ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU C 14, 16.1.2018, p. 6.

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għal statistika Ewropea fil-livell tal-azjendi agrikoli u jipprevedi l-integrazzjoni tal-informazzjoni dwar l-istruttura ma' dik dwar il-metodi ta' produzzjoni, il-miżuri ta' żvilupp rurali, l-aspetti agroambjentali u informazzjoni relatata oħra.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "farm" jew "azjenda agrikola" tfisser unità unika, kemm teknikament kif ukoll ekonomikament, li għandha ġestjoni unika u li twettaq attivitajiet ekonomiċi fl-agrikoltura, skont ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, li jagħmlu parti mill-gruppi A.01.1, A.01.2, A.01.3, A.01.4, A.01.5 jew mill-"manutenzjoni ta' art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba" tal-grupp A.01.6 fit-territorju ekonomiku tal-Unjoni, bħala l-attività primarja jew sekondarja tagħha. Rigward l-attivitajiet tal-klassi A.01.49, huma biss l-attivitajiet ta' "Trobbija u tnissil ta' annimali semidomestiċi jew annimali ħajjin oħra" (bl-eċċezzjoni tat-trobbija tal-insetti) u "Trobbija ta' naħal u l-produzzjoni ta' għasel u x-xemgħa tan-naħal" li huma inklużi;

- (b) "unità agrikola tal-art komuni" tfisser entità ta' art li fuqha japplikaw drittijiet komuni u li tintuża minn żewġ azjendi agrikoli jew iktar għall-produzzjoni agrikola, iżda li mhix allokata fosthom;
- (c) "reġjun" tfisser l-unità territorjali tan-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS), definita b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;
- (d) "unità ta' bhejjem" tfisser unità ta' kejl standard li tippermetti l-aggregazzjoni tad-diversi kategoriji ta' bhejjem sabiex ikunu jistgħu jitqabblu; il-koeffiċjenti għall-istabbiliment tal-unitajiet ta' bhejjem għall-kategoriji ta' bhejjem individwali huma elenkati fl-Anness I;
- (e) "erja agrikola użata" jew "EAU" tfisser erja ta' art li tintuża għall-biedja, inklużi raba', bur permanenti, għelejjel permanenti u art agrikola oħra li tintuża;
- (f) "sena ta' referenza " tfisser sena kalendarja li għaliha jirreferu l-perijodi ta' referenza;
- (g) "għnien kulinari" tfisser erjas li jintużaw għall-produzzjoni ta' ikel maħsub għall-konsum proprju;
- (h) "modulu" tfisser sett ta' data wieħed jew aktar organizzati b'tali mod li jkopru suġġetti partikolari;
- (i) "suġġett" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi, kull suġġett ikopri għadd ta' suġġetti dettaljati;

- (j) "suġġett dettaljat" tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li għandha tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi b'rabta ma' suġġett speċifiku, fejn kull suġġett dettaljat ikopri numru ta' fatturi varjabbli;
- (k) "fattur varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità li tkun qed tiġi osservata, li tista' tassumi aktar minn sett wieħed ta' valuri.

Artikolu 3

Kopertura

1. Id-data meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tkopri 98 % tal-erja agrikola uttilzzata (EAU) totali (esklużi l-ġonna kulinari) u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem ta' kull Stat Membru.
2. Sabiex jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu data rappreżentattiva tal-azjendi agrikoli u l-unitajiet agrikoli tal-art komuni li jissodisfaw mill-inqas wieħed mil-livelli limitu fiżiċi elenkati fl-Anness II fir-rigward tad-daqs tal-art agrikola jew in-numru ta' unitajiet ta' bhejjem.

3. Eċċezzjonalment, fejn il-qafas speċifikat taħt il-paragrafu 2 jirrappreżenta aktar minn 98 % tal-produzzjoni agrikola nazzjonali, imkejla bl-Output Standard skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014¹, l-Istati Membri jistgħu, soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni (Eurostat), jistabbilixxu livelli limitu fiżiċi jew ekonomiċi korrispondenti oġġla biex inaqqsu l-qafas, dment li tintlaħaq il-kopertura ta' 98 % tal-erja agrikola użata totali (eskluż il-ġonna kulinari) u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem tal-Istati Membri.
4. Fejn il-qafas speċifikat taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma jirrappreżentax 98 % tal-erja agrikola utilizzata u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem, l-Istati Membri għandhom jestendu l-qafas skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 billi jistabbilixxu limiti massimi aktar baxxi minn dawk imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew billi jistabbilixxu limiti massimi addizzjonali, jew it-tnejn.

Artikolu 4

Sorsi u metodi tad-data

1. Għall-finijiet li tinkiseb id-data msemmija f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jużaw wieħed jew aktar mis-sorsi jew il-metodi li ġejjin, bil-kondizzjoni li l-informazzjoni tippermetti l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11:
 - (a) sħarriġ statistiku;

¹ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014 li jissupplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 321, 7.11.2014, p. 2).

(b) is-sorsi ta' data amministrattiva speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(c) sorsi, metodi jew approċċi innovattivi oħra.

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw informazzjoni mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u s-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004³, ir-reġistru tal-vinji implimentat skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (KE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, u r-reġistri tal-biedja organika stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007⁵. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll sorsi amministrattivi assoċjati ma' miżuri ta' żvilupp rurali speċifiċi.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

² Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ammiali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettjar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

3. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw is-sorsi, metodi jew approċċi innovattivi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) matul is-sena ta' referenza preċedenti għas-sena ta' referenza u għandhom jipprovdu d-dettalji dwar il-kwalità tad-data miksuba minn dak is-sors, metodu jew approċċ innovattiv u l-metodi ta' ġbir ta' data li ser jintużaw.
4. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw data, minnufih u mingħajr ħlas, inkluża data individwali dwar azjendi agrikoli u data personali dwar id-detenturi tagħhom li tkun tinsab f'fajls amministrattivi miġbura fit-territorju nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-awtoritajiet nazzjonali u s-sidien tar-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa.

Artikolu 5

Data strutturali ċentrali

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu d-data strutturali ċentrali ("data ċentrali") relatata mal-azjendi agrikoli msemmija fil-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 3, għas-snin ta' referenza 2020, 2023 u 2026, kif elenkat fl-Anness III. Il-ġbir tad-data ċentrali għas-sena ta' referenza 2020 għandu jsir bħala ċensiment.

2. Il-ġabriet tad-data ċentrali għas-snin ta' referenza 2023 u 2026 jista' jsir fuq kampjuni. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati pponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u jitfasslu b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Anness V.
3. Meta fattur varjabbli elenkat fl-Anness III ikollu prevalenza baxxa jew żero fi Stat Membru, dak il-fattur varjabbli jista' jiġi eskluż mill-ġbir tad-data dment li l-Istat Membru kkonċernat jipprovdi informazzjoni fejn jiġġustifika l-esklużjoni tiegħu b'mod debitu lill-Kummissjoni (Eurostat) fis-sena kalendarja li tippreċedi s-sena ta' referenza.
4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw d-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) mhux aktar tard minn ... [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew il-31 ta' Diċembru 2018, skont liema tiġi l-aħħar] għas-sena ta' referenza 2020, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021 għas-sena ta' referenza 2023, u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024 għas-sena ta' referenza 2026.

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 16 b'rabta ma' emendi tal-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III fejn meħtieġ għall-fini tal-armonizzazzjoni mas-sorsi tad-data speċifikati fl-Artikolu 4(2), għas-snin 2023 u 2026. Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tali atti delegati jissostitwixxu biss il-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III li ma jistgħux jibqgħu jinkisbu mis-sorsi tad-data speċifikati. Fil-każ ta' sostituzzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-fatturi varjabbli l-ġodda jkunu jistgħu jiġu derivati mis-sorsi tad-data speċifikati fl-Artikolu 4(2). Barra minn hekk, għandha tiżgura wkoll li tali atti delegati jkunu ġustifikati kif dovut u ma jimponux piżijiet jew spejjeż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.
6. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Settembru 2021 għas-sena ta' referenza 2023 u sat-30 ta' Settembru 2024 għas-sena ta' referenza 2026.

Artikolu 6

Estensjoni tal-qafas

1. L-Istati Membri li jestendu l-qafas skont l-Artikolu 3(4) għandhom jipprovdu data ċentrali dwar l-azjendi agrikoli inklużi f'dik l-estensjoni tal-qafas għas-sena ta' referenza 2020, fejn tkun koperta l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III.
2. Il-ġbir tad-data dwar l-azjendi agrikoli fl-estensjoni tal-qafas jista' jsir fuq kampjuni. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati pponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u jitfasslu b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Anness V.

Artikolu 7

Data tal-moduli

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu l-moduli dwar is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV għas-snin ta' referenza li ġejjin:
 - (a) il-modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra" għall-2020, l-2023 u l-2026;
 - (b) il-modulu "Żvilupp rurali" għall-2020, l-2023 u l-2026;
 - (c) il-modulu "Akkomodazzjoni tal-annimali u ġestjoni tad-demel" għall-2020 u l-2026;
 - (d) il-modulu "Irrigazzjoni" għall-2023;
 - (e) il-modulu "Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija" għall-2023;
 - (f) il-modulu "Makkinarju u tagħmir" għall-2023;
 - (g) il-modulu "Ġnien tal-frott" għall-2023;
 - (h) il-modulu "Vinja" għall-2026;
2. L-ambitu ta' dawk il-ġabriet tad-data għandu jinkludi l-azjendi agrikoli msemija fl-Artikolu 3(2) u (3).

3. Il-ġbir tad-data tal-moduli jista' jsir fuq kampjuni ta' azjendi agrikoli. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati pponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u jitfasslu b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Anness V.
4. Il-moduli għandhom jinġabru minn subkampjuni tal-azjendi agrikoli li għalihom tinġabar id-data ċentrali. Il-moduli għandhom jirriflettu s-sitwazzjoni fis-sena ta' referenza iżda jistgħu jkunu bbażati fuq is-sena li tiġi direttament qabel jew wara s-sena ta' referenza għall-moduli msemmija fil-punti (f), (g) u (h) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Fi kwalunkwe każ, kull rekord li jipprovdi informazzjoni dwar moduli għandu jkun akkumpanjat mid-data ċentrali elenkata fl-Anness III.
5. L-Istati Membri b'tal-inqas 1 000 ettaru ta' kwalunkwe għalla individwali, imsemmija taħt is-suġġetti dettaljati tal-modulu "Ġnien tal-frott" fl-Anness IV, li jipproduċu kompletament jew fil-biċċa l-kbira għas-suq, għandhom iwettqu l-modulu "Ġnien tal-frott" għal dik l-għalla partikolari.
6. L-Istati Membri b'tal-inqas 1 000 ettaru ta' vinji mħawwla bi dwieli ta' għeneb għall-inbid, li jipproduċu kompletament jew fil-biċċa l-kbira għas-suq, għandhom iwettqu l-modulu "Vinja".
7. L-Istati Membri b'inqas minn 2 % ta' erja saqwija tal-EAU, u mingħajr reġjuni fil-livell NUTS 2 b'mill-inqas 5 % ta' erja saqwija tal-EAU, għandhom ikunu eżentati milli jwettqu l-modulu "Irrigazzjoni".

8. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) b'każijiet imsemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7 sal-aħħar ta' Ġunju tas-sena li tippreċedi s-sena ta' referenza rispettiva.
9. Meta fattur varjabbli jkollu prevalenza baxxa jew zero fi Stat Membru, dak il-fattur varjabbli jista' jiġi eskluż mill-għbir tad-data dment li tkun provduta informazzjoni li tiġġustifika l-esklużjoni b'mod debitu lill-Kummissjoni (Eurostat) fis-sena kalendarja li tippreċedi s-sena ta' referenza.

Artikolu 8

Speċifikazzjoni teknika dwar id-data tal-moduli

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin tad-data li għandha tiġi provduta għal kull modulu u s-suġġett korrispondenti u s-suġġett dettaljat elenkati fl-Anness IV:
 - (a) il-lista tal-fatturi varjabbli;
 - (b) id-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) mhux aktar tard minn ... [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew il-31 ta' Diċembru 2018, skont liema tiġi l-aħħar] għas-sena ta' referenza 2020, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021 għas-sena ta' referenza 2023 u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024 għas-sena ta' referenza 2026.

2. Meta tkun qed tadotta l-atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-lista ta' fatturi varjabbli skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiżgura li n-numru globali ta' fatturi varjabbli ċentrali u tal-moduli ma jaqbiżx it-300 fattur varjabbli fl-2020, l-470 fattur varjabbli fl-2023 u t-350 fattur varjabbli fl-2026.
3. Għas-snin 2023 u 2026, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 fir-rigward ta' emendi tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV. Matul l-eżerċitar tas-setgħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti delegati ma jżidux b'mod sinifikanti l-piż impost min-numru ta' fatturi varjabbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jwasslux għal żieda fin-numru ta' fatturi varjabbli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u li massimu ta' 20 % tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV jinbidel għal kull modulu b'atti delegati. Madankollu, jekk 20 % jirrappreżenta inqas minn suġġett dettaljat wieħed, allura xorta jista' jinbidel suġġett dettaljat wieħed.
4. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Settembru 2021 għas-sena ta' referenza 2023 u sat-30 ta' Settembru 2024 għas-sena ta' referenza 2026.
5. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 3 m'għandhomx jimponu spejjeż addizzjonali sinifikanti li jirriżultaw f'piż sproporzjonat u mhux ġustifikat fuq l-azjendi agrikoli u fuq l-Istati Membri.

Artikolu 9
Data ad-hoc

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 li tissupplementa s-sett tad-data tal-moduli mogħtija fl-Anness IV, jekk jitqies li jkun meħtiegħ li tinġabar informazzjoni addizzjonali. Dawk l-atti ddelegati għandhom jispeċifikaw:
 - (a) is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati li għandhom jiġu pprovduti fil-modulu ad hoc u r-raġunijiet għal tali bżonnijiet statistiċi addizzjonali;
 - (b) is-sena ta' referenza.
2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 li tibda mis-sena ta' referenza 2023 u f'intervalli ta' tliet snin. Hija ma għandhiex tipproponi moduli ad hoc għas-snin ta' referenza li fihom il-ġbir tad-data jsir bħala ċensiment.
3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tipprovdi:
 - (a) lista ta' mhux iktar minn 20 fattur varjabbli, li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) u l-unitajiet ta' kejl korrispondenti;
 - (b) id-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli;
 - (c) ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni;

- (d) il-perjodi ta' referenza;
- (e) id-dati tat-trasmissjonijiet.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) sa mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel ma tibda s-sena ta' referenza.

- 4. L-atti delegati msemmija fil-paragrafi 1 ta' dan l-Artikolu u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jimponu spejjeż addizzjonali sinifikanti li jirriżultaw f'piż sproporzjonat u mhux ġustifikat fuq l-azzjendi agrikoli u fuq l-Istati Membri.

Artikolu 10

Perjodu ta' referenza

L-informazzjoni miġbura għandha tirreferi għal sena ta' referenza unika li hija komuni għall-Istati Membri kollha b'referenza għas-sitwazzjoni matul perjodu ta' żmien jew data speċifikati kif ġej:

- (a) Għall-fatturi varjabbli tal-art, l-użu tal-art għandu jirreferi għas-sena ta' referenza. Fil-każ ta' għelejjeż suċċessivi mill-istess biċċa art, l-użu tal-art għandu jirreferi għal għalla li tiġi maħsuda matul is-sena ta' referenza, irrispettivament minn meta tinżera' l-għalla inkwistjoni.

- (b) Għall-fatturi varjabbli dwar l-irrigazzjoni u l-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija, il-perjodu ta' referenza huwa perjodu ta' 12-il xahar li jintemm fis-sena ta' referenza, li għandu jiġi stabbilit minn kull Stat Membru bil-għan li jkunu koperti ċ-ċikli ta' produzzjoni relatati.
- (c) Għall-fatturi varjabbli dwar il-bhejjem, l-akkomodazzjoni tal-annimali u l-ġestjoni tad-demel, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jum ta' referenza komuni fis-sena ta' referenza. Il-fatturi varjabbli dwar il-ġestjoni tad-demel għandhom jirreferu għall-perjodu ta' 12-il xahar li jinkludi dik id-data.
- (d) Għall-fatturi varjabbli dwar il-forza tax-xogħol, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar li jintemm f'jum ta' referenza fis-sena ta' referenza.
- (e) Għall-fatturi varjabbli dwar il-miżuri ta' żvilupp rurali implimentati fl-azjendi agrikoli individwali, il-perjodu ta' referenza għandu jkun il-perjodu ta' tliet snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' referenza.
- (f) Għall-fatturi varjabbli l-oħra kollha, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jum ta' referenza komuni fis-sena ta' referenza.

Artikolu 11

Kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-data u tal-metadata trasmessi.
2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data u tal-metadata trasmessi.
4. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu rapport ta' kwalità li jiddeskrivi l-proċess statistiku lill-Kummissjoni (Eurostat), għal kull sena ta' referenza koperta minn dan ir-Regolament, u b'mod partikolari:
 - (a) il-metadata li tiddeskrivi l-metodoloġija użata u kif intlaħqu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'referenza għal dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament;
 - (b) l-informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti minimi għall-oqfsa tal-ikkampjunar użati, inkluż fl-iżvilupp u l-aġġornament tagħhom, kif stabbilit f'dan ir-Regolament;

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu l-arranġamenti prattiċi għal, u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) u ma għandhomx jimponu piżijiet jew spejjeż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) kemm jista' jkun malajr, dwar kwalunkwe informazzjoni jew bidla rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità tad-data trasmessa.
6. Fuq talba tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu kjarifika addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

Artikolu 12

Trasmissjoni tad-data u tal-metadata u skadenzi

1. Għas-sena ta' referenza 2020, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu data ċentrali u tal-modulu u rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 15-il xahar wara tmiem is-sena ta' referenza.
2. Għas-snin ta' referenza 2023 u 2026, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu data ċentrali u tal-modulu vvalidata u rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza.
3. Id-data trasmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) għandha tkun fil-livell ta' azjendi agrikoli individwali. Il-modulu u d-data ad hoc għandhom ikunu marbuta mad-data ċentrali elenkata fl-Anness III fil-livell ta' azjenda agrikola individwali għall-istess sena ta' referenza. Ir-rekords provduti għandhom jinkludu l-fatturi ta' estrapolazzjoni u l-informazzjoni dwar l-istratifikazzjoni.
4. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-data u l-metadata bl-użu ta' format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Id-data u l-metadata għandhom ikunu provduti lill-Kummissjoni (Eurostat) permezz ta' servizzi ta' punt ta' dħul uniku.

Artikolu 13
Kontribuzzjoni tal-Unjoni

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tipprovdi għotjiet lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:
 - (a) l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tad-data, jew it-tnejn;
 - (b) l-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-immodernizzar tas-sistemi statistiċi li jimmiraw lejn kwalità oġhla jew kostijiet aktar baxxi u li jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-produzzjoni ta' statistika integrata dwar l-azjendi agrikoli permezz tal-użu tas-sorsi u l-metodi msemmija fl-Artikolu 4.
2. L-Istati Membri għandhom jirċievu għotjiet mill-Unjoni biex ikopru l-ispiża marbuta mal-ġabriet tad-data speċifikat fl-Artikoli 5, 6 u 7, fl-ambitu tal-pakkett finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 14.
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhiex taqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli, soġġett għall-ammonti massimi speċifikati fil-paragrafi 4 u 5.
4. Għall-kostijiet miġbura flimkien tad-data ċentrali u l-ġabriet ta' data tal-modulu tal-2020, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun limitata għall-ammonti massimi speċifikati hawn taħt:
 - (a) EUR 50 000 kull wieħed għal-Lussemburgu u għal Malta;

- (b) EUR 1 000 000 kull wieħed għall-Awstrija, il-Kroazja, l-Irlanda u l-Litwanja;
 - (c) EUR 2 000 000 kull wieħed għall-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Portugall u r-Renju Unit;
 - (d) EUR 3 000 000 kull wieħed għall-Greċja, Spanja u Franza;
 - (e) EUR 4 000 000 kull wieħed għall-Italja, il-Polonja u r-Rumanija;
 - (f) EUR 300 000 kull wieħed għall-Istati Membri l-oħra kollha.
5. Għall-ġabriet tad-data ċentrali u tad-data tal-moduli fl-2023 u l-2026, l-ammonti massimi speċifikati fil-paragrafu 4 għandhom jitnaqqsu b'50 %, soġġett għad-dispożizzjonijiet taħt il-QFP ta' wara l-2020.
6. Għall-ġbir tad-data ad hoc speċifikata fl-Artikolu 9, l-Unjoni għandha ttipprovdi għotjiet lill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, biex ikopru l-ispiża marbuta mal-implimentazzjoni tal-ġbir ta' data ad hoc. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90 % tal-kostijiet eliġibbli.
7. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-għotjiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tingħata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija skont il-punt (d) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 14
Pakkett finanzjarju

1. Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm ta' għabriet ta' data għas-sena ta' referenza 2020, inklużi l-appropriazzjonijiet meħtieġa għall-ġestjoni, iż-żamma u l-iżvilupp tas-sistemi ta' bażi tad-data użati fi ħdan il-Kummissjoni biex tkun proċessata d-data fornuta mill-Istati Membri taħt dan ir-Regolament, għandu jkun ta' EUR 40 000 000 għall-perjodu 2018-2020, kopert mill-QFP 2014-2020.
2. Wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-QFP wara l-2020, l-ammont għall-perjodu ta' wara l-2020 għandu jkun stipulat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 15
Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet finanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli konsistenti u effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa ħażin u, fejn ikun il-każ, b'penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' awditu, fuq il-bażi ta' dokumenti u kontrolli fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotja, il-kuntratturi u s-subkuntratturi u l-partijiet terzi kollha li, direttament jew indirettament, irċevew fondi tal-Unjoni taħt il-Programm.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi konċernati direttament jew indirettament minn dan il-finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96² bil-ħsieb li jkun stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt finanzjat, direttament jew indirettament, fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament.
4. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ftehimiet ta' għotja u d-deċiżjonijiet ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom espressament jagħtu setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditi, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

5. Fejn l-implimentazzjoni ta' azzjoni hija esternalizzata jew subdelegata, kompletament jew parzjalment, jew fejn tirrikjedi l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew li jingħata appoġġ finanzjarju lil parti terza, il-kuntratt, il-ftehim ta' għoti jew id-deċizzjoni ta' għoti għandhom jinkludu l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponu aċċettazzjoni espliċitu ta' dawk is-setgħat tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF fuq kwalunkwe parti terza involuta.
6. Il-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3.

Artikolu 16

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(6), l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 9(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delegat tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 5(6), l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 9(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(6), l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 9(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 17
Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 18
Rapport mill-Kummissjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2024, wara li tikkonsulta lill-ESSC, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-kisba tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 19
Derogi

B'deroga mill-Artikoli 5, 6(1), 7(1)(a), 7(1)(b), 7(1)(c), 8(2), 12(1), 13(4), 14(1) u l-Anness V, ir-referenzi għas-sena 2020 għandhom jiġu sostitwiti b'referenzi għas-sena 2019, jekk meħtieġ, għall-Greċja u għall-Portugall.

Artikolu 20

Revoka

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1337/2011 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.
2. Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.
3. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX I

Koeffiċjenti ta' unitajiet ta' bhejjem

Tip ta' animal	Karatteristiċi tal-animal	Koeffiċjent
Animali bovini	Ta' inqas minn sena	0,400
	Ta' bejn sena u sentejn	0,700
	Irġiel, ta' sentejn jew iktar	1,000
	Erieħ, ta' sentejn jew iktar	0,800
	Baqar tal-ħalib	1,000
	Baqar mhux tal-ħalib	0,800
Nagħaġ u mogħoż		0,100
Majjali	Ħnienes, ta' piż ħaj ta' taħt 1-20 kg	0,027
	Majjali nisa għat-tnissil, ta' piż ħaj ta' 50 kg jew aktar	0,500
	Majjali oħra	0,300
Tjur	Tiġieġ tas-simna	0,007
	Tiġieġ tal-bajd	0,014
	Tjur oħra	
	Dundjani	0,030
	Papri	0,010
	Wizz	0,020
	Ngħam	0,350
	Tajr ieħor tar-razzett mhux ikklassifikati banda oħra	0,001
Fniek, nisa tat-tnissil		0,020

ANNEX II

Lista tal-limiti massimi fiżiċi¹

Oġġett	Limitu massimu
UAA	5 ħa
Raba'	2 ħa
Patata	0,5 ħa
Ħaxix frisk u frawli	0,5 ħa
Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinari, fjuri u pjanti ornamental, żerriegħa u nebbieta, mixtliet	0,2 ħa
Siġar tal-frott, berries, siġar tal-ġewż, siġar tal-frott taċ-ċitru, għelejjel permanenti oħra esklużi mixtliet, vinji u siġar taż-żebbuġ	0,3 ħa
Vinji	0,1 ħa
Siġar taż-żebbuġ	0,3 ħa
Serer	100 m ²
Faqqiegħ kultivat	100 m ²
Bhejjem	1,7 unità ta' bhejjem

¹ Il-limiti massimi huma applikabbli għall-grupp ta' oġġetti kif elenkat.

ANNEX III

Data strutturali ċentrali: Fatturi varjabbli

Fatturi varjabbli ġenerali		Unitajiet/Kategoriji għall-valuri
Informazzjoni tal-istħarriġ		
-	Identifikatur tal-azjenda agrikola	ID tal-azjenda agrikola
Post tal-azjenda agrikola		
-	Pożizzjoni ġeografika	Il-kodiċi taċ-ċellula tal-grilja tal-unitajiet tal-istatistika ta' INSPIRE għall-użu pan-Ewropew.
-	Reġjun NUTS 3	Kodiċi NUTS 3
-	L-azjenda agrikola għandha żoni identifikati li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali taħt ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013.	L/M/O/N ¹
Personalità ġuridika tal-azjenda agrikola		
-	Ir-responsabbiltà ġuridika u ekonomika tal-azjenda agrikola hija koperta minn:	
-	Persuna fiżika li hija d-detentur uniku, meta l-azjenda agrikola tkun indipendenti	iva/le
-	- Jekk iva, id-detentur huwa wkoll il-manijer?	iva/le

¹ L - Żoni minbarra żoni muntanjużi li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali sinifikanti; M - Żona muntanjuża żvantaġġata; O - Żoni oħra affettwati minn limitazzjonijiet speċifiċi; N- Żona normali (mhix żona żvantaġġata) Din il-klassifika tista' tiġi adattata fil-futur fid-dawl ta' żviluppi fil-PAK.

Fatturi varjabbli ġenerali				Unitajiet/Kategoriji għall-valuri
-	-	-	Jekk le, il-maniġer hu membru tal-familja tad-detentur?	iva/le
-	-	-	Jekk iva, il-maniġer huwa l-konjuġi tad-detentur?	iva/le
-			Sjieda bi sħab	iva/le
-			Żewġ persuni fiżiċi jew aktar li huma sħab, meta l-azjenda agrikola tkun azjenda-grupp	iva/le
-			Persuna ġuridika	iva/le
-	-		Jekk iva, l-azjenda agrikola tagħmel parti minn grupp ta' intrapriżi?	iva/le
-			L-azjenda agrikola hija unità f'art komuni	iva/le
-			Id-detentur jibbenifika minn appoġġ mill-UE għal art jew annimali tal-azjenda agrikola u għalhekk inkluż fis-SIAK	iva/le
			Id-detentur huwa bidwi żagħżuġ jew li għadu kif daħal ġdid fil-biedja, u rċieva appoġġ finanzjarju għal dan l-għan skont il-PAK fit-tliet snin preċedenti	iva/le
Maniġer tal-azjenda agrikola				
-			Sena tat-twelid	sena
-			Sess	mara/raġel

Fatturi varjabbli ġenerali		Unitajiet/Kategoriji għall-valuri
-	Ħidma agrikola fl-azjenda agrikola (minbarra l-ħidma fid-dar)	Firxiet ta' Unità ta' Xogħol Annwali (AWU) ¹
	Is-sena meta ġie klassifikat bħala l-maniġer tal-azjenda agrikola	sena
-	Taħriġ agrikolu tal-maniġer	Kodiċijiet ta' taħriġ
-	Taħriġ vokazzjonali mwettaq tul l-aħħar 12-il xahar	iva/le
Tip ta' pussess tal-EAU (fir-rigward tad-detentur)		
-	Biedja fuq art proprja	ħa
-	Biedja fuq art mikrija	ħa
-	Biedja kondiviża jew modi oħra ta' pussess	ħa
-	Art komuni	ħa
Biedja organika		iva/le
-	EAU totali tal-azjenda agrikola li fuqha huma applikati u ċertifikati l-metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika skont regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea	ħa
-	EAU totali tal-azjenda agrikola li qed tiġi konvertita għal metodi ta' produzzjoni organika li għandhom ikunu ċertifikati skont regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea	ħa
	Parteċipazzjoni fi skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali oħra	iva/le

¹ Firxa 2 ta' perċentwal ta' Unità ta' Xogħol Annwali (AWU): (> 0-< 25), (≥ 25-< 50), (≥ 50-< 75), (≥ 75-< 100), (100)

Fatturi varjabbli tal-art			Erja prinċipali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
EAU			ħa	ħa
-	Raba'		ħa	ħa
-	-	Ċereali għall-produzzjoni tal-ħabba (inkluża ż-żerriegħa)	ħa	ħa
-	-	- Qamħ komuni u spelt	ħa	ħa
-	-	- Qamħ durum	ħa	ħa
-	-	- Segala u taħlitiet ta' ċereali tax-xitwa (maslin)	ħa	
-	-	- Xgħir	ħa	
-	-	- Ħafur u taħlitiet ta' ċereali tar-rebbiegħa (ħabba mħallta minbarra maslin)	ħa	
-	-	- Żerriegħa tal-qamħirrum u taħlita taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrun	ħa	
-	-	- Triticale	ħa	
-	-	- Sorġu	ħa	
-	-	- Ċereali oħra mhux ikklassifikati banda oħra (qamħ saraċin, millieġ, skalora, eċċ.)	ħa	
-	-	- Ross	ħa	

Fatturi varjabbli tal-art				Erja prinċipali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha	
-	-	Bus u ħemes imnixxa u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ħabba (inklużi żerriegħa u taħlitiet ta' ċereali u bus u ħemes)		ħa	ħa	
-	-	-	Piżelli tal-għalqa, fażola u lupin ħelu	ħa		
-	-	Għelejjel tal-għeruq		ħa	ħa	
-	-	-	Patata (inkluża patata taż-żriġħ)	ħa	ħa	
-	-	-	Pitrava taż-zokkor (eskluż iż-żerriegħa)	ħa	ħa	
-	-	-	Għelejjel tal-għeruq oħra mhux ikklassifikati banda oħra	ħa		
-	-	Għelejjel industrijali		ħa	ħa	
-	-	-	Żrieragħ taż-żejt	ħa	ħa	
-	-	-	-	Kolza u żrieragħ tal-kolza tan-nevew	ħa	
-	-	-	-	Żerriegħa tal-ġirasol	ħa	
-	-	-	-	Soja	ħa	ħa
-	-	-	-	Żerriegħa tal-kittien (oilflax)	ħa	
-	-	-	-	Għelejjel taż-żrieragħ taż-żejt oħra mhux ikklassifikati banda oħra	ħa	

Fatturi varjabbli tal-art				Erja prinċipali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
-	-	-	Għelejjel tal-fibra	ħa	
-	-	-	- Fibra tal-kittien	ħa	
-	-	-	- Qanneb	ħa	
-	-	-	- Qoton	ħa	
-	-	-	- Għelejjel tal-fibra oħra mhux ikklassifikati banda oħra	ħa	
-	-	-	Tabakk	ħa	
-	-	-	Hops	ħa	
-	-	-	Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinari	ħa	
-	-	-	Għelejjel għall-enerġija mhux ikklassifikati banda oħra	ħa	
-	-	-	Għelejjel industrijali oħra mhux ikklassifikati banda oħra	ħa	
-	-		Pjanti li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba'	ħa	ħa
-	-	-	Ħxejjex u merġat temporanji	ħa	ħa
-	-	-	Pjanti luguminużi maħsuda fi stadju bikri	ħa	ħa

Fatturi varjabbli tal-art				Erja prinċipali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
-	-	-	Qamħirrum aħdar	ħa	
-	-	-	Ċereali oħra maħsuda fi stadju bikri (minbarra l-qamħirrum aħdar)	ħa	
-	-	-	Pjanti oħra maħsuda fi stadju bikri mir-raba' mhux ikklassifikati banda oħra	ħa	
-	-		Ħaxix frisk (inkluż il-bettieġh) u frawli	ħa	ħa
-	-	-	Ħaxix frisk (inkluż il-bettieġh) u frawli mkabbra b'rotazzjoni ma' għelejjel ortikulturali (ortikultura kummerċjali)	ħa	
-	-	-	Ħaxix frisk (inkluż il-bettieġh) u frawli mkabbra b'rotazzjoni ma' għelejjel mhux ortikulturali (għelieqi fil-miftuħ)	ħa	
-	-		Fjuri u pjanti ornamentalni (minbarra mixtliet)	ħa	
-	-		Żrieragħ u nebbieta	ħa	ħa
-	-		Għelejjel oħra tar-raba' mhux ikklassifikati banda oħra	ħa	
-	-		Art mistrieħa	ħa	
-			Bur permanenti	ħa	ħa
-	-		Merġhat u raġha, minbarra bwar mhux ikkultivati	ħa	ħa

Fatturi varjabbli tal-art			Erja prinċipali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
-	-	Bwar mhux ikkultivati	ħa	ħa
-	-	Bur permanenti li ma għadux jintuża għal finijiet ta' produzzjoni u eliġibbli għall-ħlas ta' sussidji	ħa	
-	Għelejjel permanenti (inkluż pjantaġġuni mhux antiki u temporanjament abbandunati, esklużi żoni li jipproduċu għall-konsum proprju biss)		ħa	ħa
-	-	Frott, berries u ġewż (minbarra frott taċ-ċitru, għeneb u frawli)	ħa	ħa
-	-	- Frott taż-żerriegħa	ħa	
-	-	- Frott bl-għadma	ħa	
-	-	- Frott minn żoni klimatiċi subtropikali u tropikali	ħa	
-	-	- Berries (minbarra l-frawli)	ħa	
-	-	- Ġewż	ħa	
-	-	Frott taċ-ċitru	ħa	ħa
-	-	Għeneb	ħa	

Fatturi varjabbli tal-art				Erja prinċipali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
-	-	-	Għeneb għall-inbid	ħa	ħa
-	-	-	Għeneb għall-inbid b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)	ħa	
-	-	-	Għeneb għall-inbid b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)	ħa	
-	-	-	Għeneb għal inbejjed oħra mhux ikklassifikati banda oħra (mingħajr DPO/IĠP)	ħa	
-	-	-	Għeneb għall-ikel	ħa	
-	-	-	Għeneb għaż-żbib	ħa	
-	-		Żebbuġ	ħa	ħa
-	-		Mixtliet	ħa	
-	-		Għelejjel permanenti oħra inkluż għelejjel permanenti oħra għall-konsum mill-bniedem	ħa	
-	-	-	Siġar tal-Milied	ħa	
-			Ġonna kulinarji	ħa	
Art agrikola oħra				ħa	

Fatturi varjabbli tal-art		Erja prinċiplali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
-	Art agrikola mhux użata	ħa	
-	Erja msaġġra	ħa	
-	- Imsaġar ta' newba qasira	ħa	
-	Art oħra (art okkupata minn bini, irziezet, mogħdijiet, għadajjar u żoni mhux produttivi oħra)	ħa	
Żoni ta' sfruttament agrikolu speċjali			
-	Faqqieġh kultivat	ħa	
EAU taħt il-ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli.		ħa	
-	Ħaxix, inkluż bettieġh u frawli taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli	ħa	ħa
-	Fjuri u pjanti ornamentalni (minbarra mixtliet) taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli	ħa	
-	Għelejjel tar-raba' oħra taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli	ħa	
-	Għelejjel permanenti taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli	ħa	
-	EAU oħra taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli mhux ikklassifikati banda oħra	ħa	
Irrigazzjoni fuq erja ta' barra kultivata			
-	Total ta' erja saqwija	ħa	

Fatturi varjabbli tal-bhejjem				Numru totali ta' annimali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
Ananimali bovini					ras
-	Ananimali bovini ta' inqas minn sena			ras	
-	Ananimali bovini, ta' bejn sena u sentejn			ras	
-	-	Ananimali bovini rġiel, ta' bejn sena u sentejn		ras	
-	-	Erieħ, ta' bejn sena u sentejn		ras	
-	Ananimali bovini rġiel ta' sentejn jew aktar			ras	
-	Bovini nisa ta' sentejn jew aktar			ras	
-	-	Erieħ ta' sentejn jew aktar		ras	
-	-	Baqar		ras	
-	-	-	Baqar tal-ħalib	ras	ras
-	-	-	Baqar mhux tal-ħalib	ras	ras
-	-	-	Bufla nisa	ras	iva/le

Fatturi varjabbli tal-art		Erja prinċipali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
Nagħaġ u mogħoż			
-	Nagħaġ (ta' kull età)	ras	ras
-	- Nisa tat-tnissil	ras	
-	- Nagħaġ oħra	ras	
-	Mogħoż (ta' kull età)	ras	ras
-	- Nisa tat-tnissil	ras	
-	- Mogħoż oħra	ras	
Majjali			ras
-	Ħnienes, ta' piż ħaj ta' taħt 1-20 kg	ras	
-	Majjali nisa għat-tnissil, ta' piż ħaj ta' 50 kg jew aktar	ras	
-	Majjali oħra	ras	
Tjur			ras
-	Tiġieġ tas-simna	ras	ras
-	Tiġieġ tal-bajd	ras	ras

Fatturi varjabbli tal-art		Erja prinċipali totali	li minnha hija ċertifikata għall-biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha
-	Tjur oħra	ras	
-	- Dundjani	ras	
-	- Papri	ras	
-	- Wiżż	ras	
-	- Ngħam	ras	
-	- Tajr ieħor tar-razzett mhux ikklassifikati banda oħra	ras	
Fniek			
-	Nisa tat-tniissil	ras	
Naħal		doqqajs	
Ċriev		iva/le	
Annimali bil-pil		iva/le	
Bhejjem n.e.c.		iva/le	

ANNEX IV

Suġġetti u suġġetti dettaljati fid-data tal-modulu

Modulu	Suġġett	Suġġett dettaljat
Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra	Ġestjoni tal-azjenda agrikola	Detentur
		Input ta' xogħol
		Bilanċ bejn is-sessi
		Il-miżuri ta'sikurezza, inkluż pjan tas-sikurezza għall-azjenda agrikola
	Forza tax-xogħol tal-familja	Input ta' xogħol
		Numru ta' persuni involuti
		Bilanċ bejn is-sessi
	Forza tax-xogħol mhix tal-familja	Input ta' xogħol
		Numru ta' persuni impjegati
		Bilanċ bejn is-sessi
		Forza tax-xogħol mhux regolari impjegata mill-azjenda agrikola
		Input ta' xogħol minn kuntratturi
	Attivitajiet oħra ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda agrikola	Tipi ta' attivitajiet
		Importanza għall-azjenda agrikola
		Input ta' xogħol
Attivitajiet oħra ta' qligħ mhux relatati direttament mal-azjenda agrikola	Input ta' xogħol	

Modulu	Suġġett	Suġġett dettaljat
Żvilupp rurali	Azjendi agrikoli appoġġati minn miżuri ta' żvilupp rurali	Servizzi ta' konsulenza, ta' ġestjoni tal-azjendi agrikoli u ta' għajjnuna għall-azjendi agrikoli
		Żvilupp tal-azjendi agrikoli u kummerċjali
		Skemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel
		Investimenti f'assi fiżiċi
		Ir-restawr tal-potenzjal ta' produzzjoni tal-agrikoltura li tkun saritlu ħsara minn diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni adatti
		Investimenti fl-iżvilupp ta' żoni tal-foresti u titjib tal-foresti ta' vijabbiltà
		Ħlasijiet tal-klima agroambjentali
		Biedja organika
		Ħlasijiet marbuta ma' Natura 2000 u d-Direttiva qafas dwar l-ilma
		Ħlasijiet lil żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew limitazzjonijiet speċifiċi oħra
		Trattament xieraq tal-annimali
		Ġestjoni tar-riskju

Modulu	Suġġett	Suġġett dettaljat
Akkomodazzjoni tal-annimali u ġestjoni tad-demel	Akkomodazzjoni tal-annimali	Akkomodazzjoni tal-bovini
		Akkomodazzjoni tal-majjali
		Akkomodazzjoni tat-tiġieġ tal-bajd
	L-użu tan-nutrijenti u d-demel fuq l-azjenda agrikola	EAU fertilizzata
		Demel esportat mill-azjenda agrikola u importat fiha
		Fertilizzanti organiċi u bbażati fuq l-iskart minbarra demel
	Tekniki ta' applikazzjoni tad-demel	Żmien ta' inkorporazzjoni għal kull tip ta' tifrix
	Faċilitajiet għad-demel	Faċilitajiet u kapaċità għall-ħżin tad-demel

Modulu	Suġġett	Suġġett dettaljat
Tisqija	Prattiki ta' tisqija	Diponibbiltà tat-tisqija
		Metodi ta' tisqija
		Sorsi ta' ilma tat-tisqija
		Parametri tekniċi tat-tagħmir tat-tisqija
	Għelejjel imsaqqija tul perjodu ta' 12-il xahar	Ċereali għall-produzzjoni tal-ħabba
		Bus u ħemes immixxa u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ħabba
		Għelejjel tal-għeruq
		Għelejjel industrijali
		Pjanti li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba'
		Għelejjel oħra ta' raba'
		Bur permanenti
		Għelejjel permanenti

Modulu	Suġġett	Suġġett dettaljat
Prattiki ta' Ġestjoni tal-Ħamrija	Prattiki ta' Ġestjoni tal-Ħamrija fuq art ta' barra	Metodi ta' ħdim tar-raba'
		Għata tal-ħamrija fuq ir-raba'
		Newba tal-għelejjel fuq ir-raba'
		Erja b'fokus ekoloġiku
Makkinarju u tagħmir	Makkinarju	Faċilitajiet tal-internet
		Makkinarju bażiku
		Użu ta' biedja ta' preċiżjoni
		Makkinarju għall-ġestjoni tal-bhejjem
		Ħżin għall-prodotti agrikoli
Tagħmir	Tagħmir użat għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli f'azjendi agrikoli	
Ġnien tal-frott	Frott taż-żerriegħa	Tuffieħ: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Tuffieħ: Erja skont id-densità tas-siġar
		Lanġas: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Lanġas: Erja skont id-densità tas-siġar
	Frott bl-għadma	Ħawħ: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Ħawħ: Erja skont id-densità tas-siġar
		Nuċiprisk: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Nuċiprisk: Erja skont id-densità tas-siġar
		Berquq: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Berquq: Erja skont id-densità tas-siġar
	Frott taċ-ċitru	Larinġ: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Larinġ: Erja skont id-densità tas-siġar
		Frott taċ-ċitru zġħir: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni

Modulu	Suġġett	Suġġett dettaljat
		Frott taċ-ċitru żgħir: Erja skont id-densità tas-siġar
		Lumi: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Lumi: Erja skont id-densità tas-siġar
	Żebbuġ	Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Erja skont id-densità tas-siġar
	Għeneb għall-ikel u ż-żbib	Għeneb għall-ikel: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Għeneb għall-ikel: Erja skont id-densità tal-vinji
		Għeneb għaż-żbib: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni
		Għeneb għaż-żbib: Erja skont id-densità tal-vinji
	Vinja	Għeneb għall-inbid
	Varjetajiet ta' għeneb	Numru ta' varjetajiet
		Kodiċi u erja

ANNEX V

Rekwiżiti ta' preċiżjoni

Id-data ċentrali (fl-2023 u l-2026) u d-data tal-modulu għandhom ikunu statistikament rappreżentattivi għall-popolazzjonijiet rilevanti tal-azjendi agrikoli kif definiti fit-tabella ta' preċiżjoni hawn taħt fil-livell tar-reġjuni NUTS 2 f'termini tad-daqs u t-tip tal-azjendi agrikoli, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009¹, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/220².

Ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni japplikaw għall-fatturi varjabbli fit-tabella ta' hawn taħt.

Id-data fl-estensjoni tal-kwadru fl-2020 għandha tkun statistikament rappreżentattiva għall-popolazzjoni rilevanti fil-livell tar-reġjuni NUTS 2 kif definiti fit-tabella ta' preċiżjoni hawn taħt.

Barra minn hekk, ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni definiti fit-tabella japplikaw għar-reġjuni NUTS 2 kollha b'mill inqas:

- 5 000 azjenda agrikola fil-popolazzjoni rilevanti għall-moduli "Ġnien tal-Frott" u "Vinja";
- 10 000 azjenda agrikola fil-popolazzjoni rilevanti għad-data ċentrali, għall-moduli l-oħra kollha u għad-data fl-estensjoni tal-kwadru.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/220 tat-3 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 46, 19.2.2015, p. 1).

Għar-reġjuni NUTS 2 b'inqas azjendi agrikoli r-rekwiżiti ta' preċiżjoni definiti fit-tabella japplikaw għar-reġjuni NUTS 1 assoċjati b'mill inqas:

- 500 azjenda agrikola fil-popolazzjoni rilevanti għall-moduli "Ġnien tal-Frott" u "Vinja";
- 1 000 azjenda agrikola fil-popolazzjoni rilevanti għad-data ċentrali, għall-moduli l-oħra kollha u d-data fl-estensjoni tal-kwadru.

Hija meħtieġa preċiżjoni nazzjonali ta' żball standard relattiv ta' massimu ta' 5 % għal dawk il-fatturi varjabbli tal-moduli "Ġnien tal-Frott" u "Vinja" bl-ebda rekwiżit ta' preċiżjoni applikabbli għal kwalunkwe wieħed mir-reġjuni NUTS 2 u NUTS 1.

Hija meħtieġa preċiżjoni nazzjonali ta' żball standard relattiv ta' massimu ta' 7,5 % għall-fatturi varjabbli kollha tal-moduli l-oħra bl-ebda rekwiżit ta' preċiżjoni applikabbli għal kwalunkwe wieħed mir-reġjuni NUTS 2 u NUTS 1 għal kwalunkwe fattur varjabbli.

Tabella ta' preċiżjoni

Popolazzjoni rilevanti	Fatturi varjabbli li għalihom japplikaw rekwiżiti ta' preċiżjoni	Prevalenza fil-popolazzjoni rilevanti	Żball standard relattiv
Data ċentrali fl-2023 u l-2026 u Modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra"			
Kif definit mill-Artikolu 5 għad-data ċentrali u mill-Artikolu 7 għall-modulu Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra.	Fatturi varjabbli tal-art <ul style="list-style-type: none"> – Ċereali għall-produzzjoni tal-ħabba (inkluża ż-żerriegħa) – Żrieragħ taż-żejt – Pjanti li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba' – Ħaxix frisk (inkluż il-bettieħ), frawli, fjuri u pjanti ornamentalni (minbarra mixtliet) – Bur permanenti minbarra bwar mhux ikkultivati – Frott, berries, ġewż u frott taċ-ċitru (minbarra għeneb u frawli) – Għeneb – Żebbuġ 	7,5 % jew aktar tal-EAU fir-reġjun	< 5 %
	Fatturi varjabbli tal-bhejjem <ul style="list-style-type: none"> – Baqar tal-ħalib – Baqar mhux tal-ħalib – Annimali bovini oħra (annimali bovini ta' inqas minn sena, annimali bovini ta' bejn sena u sentejn, annimali bovini rġiel ta' sentejn jew aktar, erieħ ta' sentejn jew aktar) – Majjali nisa għat-tnissil, ta' piż ħaj ta' 50 kg jew aktar – Ħnienes ta' piż ħaj ta' taħt l-20 kg u majjali oħra – Nagħaġ u mogħoż – Tjur 	7,5 % jew aktar tal-unitajiet ta' bhejjem użati fir-reġjun u 5 % jew aktar tal-fattur varjabbli fil-pajjiż	< 5 %

Popolazzjoni rilevanti	Fatturi varjabbli li għalihom japplikaw rekwiżiti ta' preċiżjoni	Prevalenza fil-popolazzjoni rilevanti	Żball standard relattiv
Data ċentrali għall-estensjoni tal-kwadru fl-2020			
Kif definit mill-Artikolu 6	Fatturi varjabbli tal-art – Raba' – Bur permanenti minbarra bwar mhux ikkultivati – Għelejjel permanenti	7,5 % jew aktar tal-EAU fir-reġjun	< 7.5 %
	Fatturi varjabbli tal-bhejjem – Total tal-unitajiet ta' bhejjem	5 % jew aktar tal-fattur varjabbli fil-pajjiż	< 7.5 %
Modulu "Żvilupp rurali" u modulu "Makkinarju u tagħmir"			
Kif definit mill-Artikolu 7	Fatturi varjabbli tal-art bħal dawk għall-modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra"	7,5 % jew aktar tal-EAU fir-reġjun	< 7,5 %
	Fatturi varjabbli tal-bhejjem bħal dawk għall-modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra"	7,5 % jew aktar tal-unitajiet ta' bhejjem użati fir-reġjun u 5 % jew aktar tal-fattur varjabbli fil-pajjiż	< 7,5 %
Modulu "Akkomodazzjoni tal-annimali u ġestjoni tad-demel"			
Is-subsett tal-popolazzjoni ta' azjendi agrikoli definit mill-Artikolu 7 b'mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin: Annimali bovini, majjali, nagħaġ, mogħoż, tjur	Fatturi varjabbli tal-bhejjem bħal dawk għall-modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra"	7,5 % jew aktar tal-unitajiet ta' bhejjem użati fir-reġjun u 5 % jew aktar tal-fattur varjabbli fil-pajjiż	< 7,5 %

Popolazzjoni rilevanti	Fatturi varjabbli li għalihom japplikaw rekwiżiti ta' preċiżjoni	Prevalenza fil-popolazzjoni rilevanti	Żball standard relattiv
Modulu "Tisqija"			
Is-subsett tal-popolazzjoni ta' azjendi agrikoli definit mill-Artikolu 7 b'erja saqwija	Fatturi varjabbli tal-art – Erja totali saqwija	7,5 % jew aktar tal-EAU fir-reġjun	< 7,5 %
Modulu "Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija"			
Is-subsett tal-popolazzjoni ta' azjendi agrikoli definit mill-Artikolu 7 b'raba'	Fatturi varjabbli tal-art – Raba'	7,5 % jew aktar tal-EAU fir-reġjun	< 7,5 %
Modulu "Ġnien tal-frott"			
Is-subsett tal-popolazzjoni tal-azjendi definit mill-Artikolu 7 bi kwalunkwe wieħed mill-fatturi varjabbli ta' ġnien tal-frott individwali li jissodisfaw il-livell limitu speċifikat fl-Artikolu 7(5)	Fatturi varjabbli tal-ġnien tal-frott – Il-fatturi varjabbli ta' ġnien tal-frott fost tuffieħ, lanġas, berquq, ħawħ, nuċiprisk, larinġ, frott taċ-ċitru żgħir, lumi, żebbuġ, ġheneb għall-ikel, ġheneb għaż-żbib li jissodisfaw il-livell limitu speċifikat fl-Artikolu 7(5)	5 % jew aktar tal-EAU fir-reġjun	< 7,5 %
Modulu "Vinja"			
Is-subsett tal-popolazzjoni ta' azjendi agrikoli definit mill-Artikolu 7 b'ġheneb għall-inbid	Fatturi varjabbli tal-vinja – Ġheneb għall-inbid	5 % jew aktar tal-EAU fir-reġjun	< 7,5 %